TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 96/14-F

**Gordon Mifsud**

**vs**

**Fair Deal Furniture**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tmien mija u għaxar ewro (€1,810), rappreżentanti prezz ta' sufan li wara erba' ġimgħat dan beda jitqatta'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sufan mingħand id-ditta ntimata u wara ftit ġimgħat dan beda jitqatta'. Illi minkejja li kellu l-wegħda mingħand is-soċjeta' ntimata li kellu jirranġah, ma ġara xejn.

L-intimat issottometta li kien qed jistenna l-konsenja minn barra u li kellu jibdlu pero' ma seħħ xejn minn dan.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u ra r-ritratti li ġew ippreżentati mir-rikorrenti, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li s-sufan veru beda jitqatta', u li ma kienx it-tort tar-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-intimat kellu biżżejjed żmien sabiex jirranġa s-sufan, pero' dan qatt ma sar.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' elf, tmien mija u għaxar ewro (€1,810) lir-rikorrenti, u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**